L-Ewwel Ħadd tal-Avvent

Qari I

Intalla' min-nisel ta' David rimja tas-sewwa.

Ġer 33, 14-16

Qari mill-Ktieb tal-Profeta Ġeremija

14 Ara, għad jiġu jiem
– oraklu tal-Mulej –
meta nġib fuq dar Iżrael u dar Ġuda
l-ġid li wegħedthom.

15 F'dawk il-jiem u f'dak iż-żmien
intalla' min-nisel ta' David rimja tas-sewwa,
bniedem li jagħmel il-ġustizzja u s-sewwa fil-pajjiż.

16 F'dawk il-jiem Ġuda jinħeles
u Ġerusalemm tgħammar b'moħħha mistrieħ,
u għalhekk isejħulha:
Il-Mulej is-sewwa tagħna.

Il-Kelma tal-Mulej

℟. Irroddu ħajr lil Alla

Salm Responsorjali

Salm 24 (25), 4bċ-5ab. 8-9.10.14

R/. (1b): Lejk jien nerfa' ruħi, Mulej

[4]Triqatek, Mulej, għarrafni,
il-mogħdijiet tiegħek għallimni.
[5]Mexxini fis-sewwa tiegħek u għallimni,
għax int Alla tas-salvazzjoni tiegħi. R/.

[8]Tajjeb u sewwa l-Mulej;
għalhekk juri triqtu lill-ħatja.
[9]Imexxi l-imsejkna fis-sewwa,
jgħallem lill-fqajrin it-triq tiegħu. R/.

[10]Il-mogħdijiet tal-Mulej kollhom tjieba u fedeltà
għal min iħares il-patt u l-liġijiet tiegħu.
[14]Midħla l-Mulej ta' dawk li jibżgħu minnu,
lilhom jgħarraf il-patt tiegħu. R/.

Qari II

Il-Mulej iqawwilkom qalbkom għal meta jiġi Sidna Ġesù.

1 Tess 3, 12 – 4, 2

Qari mill-Ewwel Ittra ta' San Pawl Appostlu lit-Tessalonikin

Ħuti, [12]jalla l-Mulej ikattrilkom u jfawwarkom bl-imħabba għal
xulxin u lejn kulħadd, l-istess bħalma aħna nħobbu lilkom, [13]ħalli
jqawwilkom qalbkom u jkollkom qdusija bla għajb quddiem Alla,
Missierna, għal meta jiġi Sidna Ġesù mdawwar bil-qaddisin tiegħu.

[4,1]Fl-aħħar, ħuti, intom tgħallimtu mingħandna kif għandkom timxu
biex togħġbu lil Alla, kif tabilħaqq qegħdin iġġibu ruħkom; aħna
f'Sidna Ġesù nitolbukom u nħeġġukom biex tagħmlu xi ħaġa iżjed.
[2]Tafu x'tagħlim tajniekom permezz ta' Sidna Ġesù.

Il-Kelma tal-Mulej
℟. Irroddu ħajr lil Alla

Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

Salm 84 (85), 8

Hallelujah. ℟. Hallelujah
Uri lilna, Mulej, it-tjieba tiegħek,
u s-salvazzjoni tiegħek agħtina.
℟. Hallelujah

Evanġelju

Il-fidwa tagħkom hi fil-qrib.

Lq 21, 25-28.34-36

Qari mill-Evanġelju skont San Luqa

F'dak iż-żmien, Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu: [25]«Ikun hemm sinjali
fix-xemx u l-qamar u l-kwiekeb. Il-ġnus fuq l-art, b'qalbhom ittaqtaq,
ma jafux x'jaqbdu jagħmlu minħabba l-ħsejjes tal-baħar u tal-imwieġ;
[26]in-nies ruħhom ħierġa bil-biża' billi jobsru x'ikun ġej fuq id-dinja,
għax il-qawwiet tas-smewwiet jitqallbu.

[27]Imbagħad jaraw lil Bin il-bniedem ġej fi sħaba, b'qawwa u glorja
kbira.

[28]Meta jibda jseħħ dan kollu, qawwu qalbkom u erfgħu raskom, għax
il-fidwa tagħkom hi fil-qrib.

[34]Oqogħdu attenti, u qisu li l-ikel u x-xorb żejjed u s-sokor ma
jmewtulkomx qalbkom, u tħallux li l-ħafna tħassib għall-ħtiġiet
tal-ħajja jeħdilkom raskom, li ma ssibuhx dak il-Jum fuqkom għal
għarrieda. [35]Għax hu Jum li għad jaqa' bħal nassa fuq kull min
jgħammar fuq wiċċ l-art kollha. [36]Ishru, mela, u itolbu l-ħin kollu,
biex tkunu tifilħu tgħaddu minn kulma għandu jiġri u tieqfu
quddiem Bin il-bniedem.»

Il-Kelma tal-Mulej

℟. Tifħir lilek Kristu